# L-għaxar ‘kmandamenti’

## Azzjonijiet biex jitnaqqas it-tniġġis marittimu kawżat mill-plastik

NIMMIRAW GĦAL ZERO



**1.**

**Tnaqqis ta’ skart tal-plastik:**
Jiena nevita li nuża plastik li jintuża darba biss. Nagħżel alternattivi oħra billi nuża materjal riċiklabbli u li huwa favur l-ambjent.



**2.**

**Erġa’ uża:**
Jien nerġa’ nuża oġġetti tal-plastik iktar minn darba, jew għall-istess użu oriġinali tiegħu jew għal użu simili għal dak li kien maħluq għalih.



**3.**

**Riċiklaġġ:**
Jiena nissepara l-iskart u nirriċiklah.



**4.**

**Għarfien Pubbliku:**
Jiena nsir punt ta’ riferenza għall-pubbliku.



**5.**

**Taħriġ għall-istaff:**
Inħarreġ membri tal-istaff fuq kwistjonijiet ta’ sostenibbiltà u fuq tnaqqis ta’ skart konness ma’ plastik.



**6.**

**Sinerġiji:**
Naħdem ma’ msieħba oħra, bħal awtoritajiet lokali u organizzazzjonijiet oħra mhux-governattivi, biex nimplimentaw prattiċi bl-iskop li jnaqqsu l-iskart fil-baħar.



**7.**

**Tindif:**
Jiena nnaddaf iz-zona ta’ madwari, norganizza kampanji ta’ tindif u/jew nieħu sehem f’attivitajiet simili organizzati minn gruppi oħra.



**8.**

**Xiri b’konsiderazzjonijiet ambjentali:**
Jien nixtri prodotti u servizzi li huma aktar favur l-ambjent u li jinkludu konsiderazzjonijiet ambjentali fit-termini u l-proċeduri tax-xiri tiegħi.

**9.**

**Standards u ċertifikazzjoni:**
Jiena nqis li nkun konformi mal-livelli ambjentali internazzjonalment rikonoxxuti.



**10.**

**Ħatra ta’ mexxej favur azzjonijiet ambjentali:** Jiena, jew xi impjegat ieħor, nieħdu f’idejna r-responsabbiltà li nidderieġu l-isforzi tan-negozju tagħna favur tnaqqis fl-użu tal-plastik.



Dawn il-‘kmandamenti’ (jew ir-regoli) ġew imħejjija mill-Proġett AKTI u ċ-Ċentru ta’ Riċerka fi ħdan il-qafas tal-proġett ‘Zero Waste Future’, appoġġjat mill-Fondazzjoni Coca-Cola.